MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Numru. 648/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carlos Cordina]**

**vs**
**Jurgen Xerri**

**Kumpilazzjoni Numru: 648/2008**

Illum, 18 ta’ Mejju, 2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jurgen Xerri, ta’ 29 sena, imwieled Pieta’, nhar id-19 ta’ Dicembru, 1978, bin Carmelo u Mary nee’ Spiteri residenti fil-fond “Tulip”, Triq Balbi, Marsa u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 0151479 (M)

Akkuzat talli:

Fil-lejl ta’ 21 ta’ Lulju, 2008 ikkometta serq ta’ diversi ghodod ta’ valur ta’ anqas minn Euro 1164.69 minn gewwa garaxx fi Triq Ganni Darmanin, Mqabba a detriment ta’ Saviour Camilleri liema attentat ta’ serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin u dan ai terminu tal-artikolu 261, 263, 270, 267, 279 (a), (b) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi bil-hsieb li jikkommetti reat ezercita dritt li jippretendi li ghandu minghajr il-kunsens tas-sid tal-garaxx (Saviour Camilleri) u dan ai terminu tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta’ ta’ Saviour Camilleri u dan ai terminu tal-artikolu 340 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

U aktar talli rrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi li saru definittivi.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li biha baghat lill-imputat biex jigi gudikat skond l-artikoli:
a) 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 270, 279 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
b) 85, 340(d), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda.

Rat il-verbal ta’l-udjenza mizmuma llum 18 ta’ Mejju 2009 meta il-partijiet qablu li l-valur tar-res furtiva ma jecceddiex l-elfejn u tlett mitt Euro (€2,300).

Rat li f’l-istess udjenza l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali kollha.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali ta’ l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-fatt li r-res furtiva giet irkuprata u ritornata lil sidha u li l-imputat huwa lest li jibda jindirizza l-problema li ghandu b’l-abbuz tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 85, 261(b)(c)(e)(f), 267, 268, 279, 281, u 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah hmistax (15) il-xahar prigunerija.

Il-Qorti tirrikmanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin biex meta jkun il-mument opportun u jekk l-imputat jikkonferma r-rieda tieghu jinghata kull ghajnuna biex isegwi program ta’ riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------